L-Awli Permanenti jimmonitorjaw u jidderieġu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet imwettqa mill-Prosekuturi Delegati Ewropej, jiżguraw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntiera u, billi jimplimentaw id-deċiżjonijiet adottati mill-Kulleġġ, jiżguraw il-koerenza, l-effiċjenza u l-konsistenza fl-Istati Membri parteċipanti fir-rigward tal-politika tal-UPPE dwar il-prosekuzzjoni.

Il-każijiet jiġu allokati b'mod każwali lill-Awli Permanenti immedjatament wara r-reġistrazzjoni Kull waħda mill-15-il Awla Permanenti tikkonsisti minn president u żewġ Prosekuturi Ewropej, li huma l-membri permanenti tagħha. Barra minn hekk, il-Prosekutur Ewropew li jissorvelja investigazzjoni jew prosekuzzjoni f'każ individwali jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Awla Permanenti f'dak il-każ individwali.

Kull Awla Permanenti tiddependi fuq appoġġ amministrattiv u legali, sabiex tiżgura l-monitoraġġ xieraq u bir-reqqa ta' kull waħda mill-investigazzjonijiet

Bejn Ġunju u Diċembru 2021, l-Awli Permanenti kellhom 282 laqgħa.

Numru u tip ta' deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti

Reġistrazzjoni u Verifika

Deċiżjonijiet li jagħtu struzzjonijiet lill-Prosekutur Delegat Ewropew biex jeżerċita l-kompetenza tal-UPPE	Każijiet ta' evokazzjoni	17
	Każijiet ta' bidu	12
Ftehimiet biex ma jiġix evokat każ		445
Ftehimiet biex ma tinbediex investigazzjoni		231
Deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 27(8) u (9) tar-Regolament tal-UPPE[13]		290
Deċiżjonijiet biex terġa' tinfetaħ investigazzjoni		0

Investigazzjonijiet

Istruzzjonijiet lill-EDPs		1
Deċiżjonijiet dwar ir-reviżjoni ta' miżuri ta' għajnuna		0
Deċiżjonijiet biex jingħaqdu l-każijiet (mhux domestiċi)		2
Deċiżjonijiet biex jinqasmu l-każijiet (mhux domestiċi)		0
Deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti biex jallokaw mill-ġdid lil Prosekutur Delegat Ewropew ieħor	fl-istess Stat Membru	0
	fi Stat Membru ieħor	2
Talbiet approvati għal miżuri ta' investigazzjoni li jiswew ammont eċċezzjonalment għoli ta' flus		0

Konklużjoni tal-każijiet

Numru ta' deċiżjonijiet ta' terminazzjoni

Deċiżjonijiet li l-prosekuzzjoni ssir quddiem qorti nazzjonali		5
Deċiżjonijiet li tiġi applikata proċedura simplifikata ta' prosekuzzjoni (Artikolu 22(2)(c) IRP)		3
Deċiżjonijiet li kawża tiġi miċħuda		3
Deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti li jirreferu każ	skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament tal-UPPE[14]	9
	skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-UPPE[15]	4
	skont l-Artikolu 34(3) tar-Regolament tal-UPPE[16]	18
In-numru ta' każijiet fejn l-awtorità nazzjonali ma aċċettatx il-każ (l-Artikolu 34(5) tar-Regolament tal-UPPE)		1

Raġunijiet għaċ-ċaħda ta' każijiet skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament tal-UPPE (Artikolu 22(2)(b) IRP)

Raġunijiet għaċ-ċaħda	Numru ta' deċiżjonijiet
Mewt/stralċ	0
Insanità	0
Amnestija	0
Immunità	0
L-iskadenza tal-limitu statutorju nazzjonali għall-prosekuzzjoni	0
Il-każ ikun diġà ġie konkluż b'mod finali relattivament għall-istess atti;	0
Nuqqas ta' evidenza rilevanti	3

Proċedimenti fil-qrati

Deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti li jressqu jew iżommu l-appell	0
Deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti li jirtiraw l-appell	0

Kwistjonijiet organizzattivi

Deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti fuq it-talba tal-PE(i) li jmexxi(u) l-investigazzjoni personalment	0
Deċiżjonijiet tal-Awli Permanenti li jallokaw mill-ġdid lil EDP ieħor fl-istess Stat Membru f'każ ta' kunflitt ta' interess	0
Numru ta' każijiet allokati mill-ġdid lil Awla Permanenti oħra	25

5

Attività tal-Unità ta' Appoġġ għall-Operat u għall-Kulleġġ

Attività tal-Unità ta' Appoġġ għall-Operat u għall-Kulleġġ

L-Unità ta' Appoġġ għall-Operat u l-Kulleġġ tappoġġja l-attività operattiva tal-UPPE matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja ta' każ. Mill-mument li informazzjoni dwar reati possibbli tiġi rrappurtata lill-UPPE, sal-fażijiet tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każ, sakemm tiġi adottata deċiżjoni finali.

Lil hinn mill-involviment tagħha f'investigazzjonijiet konkreti tal-UPPE, l-Unità ta' Appoġġ għall-Operat u l-Kulleġġ tikkontribwixxi wkoll għal implimentazzjoni konsistenti tal-politika tal-prosekuzzjoni permezz tal-istandardizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, l-iżvilupp tal-politika, il-ġestjoni tal-għarfien, l-iżvilupp diġitali, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u traduzzjonijiet operattivi. L-unità hija responsabbli għall-identifikazzjoni ta' għodod meħtieġa għax-xogħol investigattiv tal-UPPE, bil-ħsieb li takkwista softwer analitiku professjonali u tiżgura l-aċċess għal bażijiet tad-*data* kummerċjali u pubbliċi.

L-unità kkontribwixxiet għall-ħolqien ta' struttura ta' rappurtar, id-definizzjoni tal-flussi tax-xogħol operattivi, it-taħriġ tal-persunal rilevanti fl-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet fit-tħejjija għall-bidu operattiv tal-UPPE, u żgurat l-implimentazzjoni teknika tal-arranġamenti ta' ħidma ffirmati bejn l-UPPE, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-IBOAs.

Fl-aħħar nett, l-unità tipprovdi appoġġ legali u amministrattiv lill-Awli Permanenti u lill-Kulleġġ tal-UPPE, b'mod partikolari billi torganizza u tħejji l-laqgħat tagħhom. Hija tiżgura li d-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ tal-UPPE jiġu rreġistrati kif suppost, u li d-deċiżjonijiet kollha approvati jiġu formalizzati u mqassma.

L-Unità ta' Appoġġ għall-Operat u l-Kulleġġ hija attwalment magħmula minn żewġ setturi:

- Is-Settur tar-Reġistru u l-Verifika huwa prinċipalment responsabbli għall-ipproċessar tal-informazzjoni rrappurtata lill-Uffiċċju skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-UPPE, għall-ġestjoni tal-aspetti operattivi tal-kooperazzjoni tal-UPPE mas-sħab tiegħu u biex jipprovdi appoġġ għall-investigazzjonijiet. Is-settur huwa maqsum f'4 timijiet, bi 22 uffiċċju dedikat għall-pajjiżi li huma responsabbli għall-ipproċessar ta' informazzjoni rrappurtata minn kull Stat Membru parteċipanti, u 2 uffiċċji speċjalizzati responsabbli għall-ipproċessar ta' informazzjoni rrappurtata minn IBOAs u partijiet privati.
- Is-Settur tal-Ġabra ta' Appoġġ għall-Prosekuturi Ewropej huwa responsabbli għall-provvediment ta' appoġġ legali u amministrattiv lill-Awli Permanenti, jimmonitorja l-uniformità tal-prattika interna, jimmaniġġja t-traduzzjonijiet meħtieġa min-natura multilingwi tal-operat tal-UPPE, kif ukoll jipprovdi assistenza segretarjali lill-Kulleġġ u lill-Prosekuturi Ewropej.



L-Ipproċessar ta' informazzjoni rrappurtata

Awtoritajiet nazzjonali u IBOAs

Fl-2021, l-UPPE pproċessa 1351 rapport ta' kriminalità minn awtoritajiet nazzjonali u 190 rapport ta' kriminalità minn IBOAs. Is-sorsi tar-rapporti jinkludu t-22 Stat Membru parteċipanti kollha, 4 IBOAs, 3 Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi.

Sat-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar, il-każijiet kollha b'lura rrappurtati lill-Uffiċċju mill-awtoritajiet nazzjonali ġew ipproċessati fl-iskadenzi previsti mir-Regolament tal-UPPE u r-Regoli ta' Proċedura Interni.

Ir-rappurtar tal-informazzjoni jsir permezz ta' konnessjoni diretta u sigura (EPPOBox[17]) stabbilita bejn l-Uffiċċju Ċentrali u l-uffiċċji tal-UPPE fl-Istati Membri parteċipanti, kif ukoll l-awtoritajiet ta' rappurtar u l-IBOAs.

Partijiet privati u entitajiet legali

L-UPPE pproċessa 1282 ilment minn partijiet privati, li minnhom 525 kienu duplikati[18]. Irreġistrajna 720 ilment uniku[19]. 70 ġew ivvalutati li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UPPE. Il-bqija kienu manifestament barra mill-kompetenza tagħna, u ġew referuti lill-awtoritajiet nazzjonali jew lill-IBOAs, imħassra/meqruda jew ritornati lill-mittent. L-ogħla numru ta' ilmenti ġew mill-Bulgarija (104), ir-Rumanija (88), Spanja (75), il-Ġermanja (68) u l-Kroazja (59). L-ogħla numru ta' ilmenti li ffurmaw il-bażi ta' investigazzjoni potenzjali ġew mill-Bulgarija (18), ir-Rumanija (11) u l-Kroazja (7).

L-UPPE rċieva wkoll 43 ilment minn partijiet privati li joriġinaw fi Stati Membri mhux parteċipanti: L-Ungerija (28), il-Polonja (9) l-Irlanda (6) u 55 ilment minn ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Appoġġ speċjalizzat għall-investigazzjonijiet tal-UPPE

Fl-2021, il-limitazzjonijiet fir-riżorsi umani u baġitarji ppermettew lill-UPPE jipprovdi appoġġ investigattiv speċjalizzat lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u lill-Prosekuturi Ewropej fil-qafas ta' proġett pilota biss. Iffukajna fuq ftit każijiet kumplessi f'sitwazzjonijiet fejn fil-livell nazzjonali r-riżorsi xierqa ma kinux suffiċjenti jew ma kinux disponibbli.

It-tabella ta' hawn taħt tiddeskrivi t-tipi ewlenin ta' inkarigi li twettqu taħt il-proġett pilota.

Talbiet għal appoġġ speċjalizzat	46
Qasam tal-każ	• Każijiet nazzjonali kumplessi; • każijiet transkonfinali; • każijiet ta' frodi karużell tal-VAT; • każijiet ta' profil għoli li jinvolvu uffiċjali tal-UE; • każijiet li jinvolvu persuni b'immunità; każijiet ta' akkwist, eċċ.
Qasam tar-reat (l-aktar frekwenti)	• Frodi tad-dħul (relatata mal-VAT u mhux relatata mal-VAT); • Frodi fl-infiq (relatata mal-akkwist u mhux relatata mal-akkwist).
Tip ta' kompitu	• Il-valutazzjoni tal-evidenza; • It-tħejjija ta' pjan ta' investigazzjoni; • Il-parteċipazzjoni f'laqgħat ta' koordinazzjoni u ġranet ta' azzjoni, kemm fil-Lussemburgu kif ukoll barra mill-pajjiż; • Il-parteċipazzjoni f'miżuri investigattivi *in situ*; • Appoġġ lill-forzi tal-pulizija nazzjonali f'każijiet transkonfinali; • Il-ġbir ta' dokumenti; • L-iffriżar jew il-qbid tal-assi; • L-analiżi ta' informazzjoni doganali, fiskali u finanzjarja; • Investigazzjoni ta' sors miftuħ u bażi tad-*data* kummerċjali u oħrajn.
Riżultat tal-appoġġ	• Valutazzjoni tal-materjal tal-każ; • Rapport ta' investigazzjoni finanzjarja; • Rapport analitiku; • Rapport ta' valutazzjoni; • Rapport ta' intelliġenza dwar sors miftuħ; • Ħidmiet ta' traduzzjoni; • Appoġġ legali; • Kalkolu tad-danni; • Koordinazzjoni investigattiva; • Ġbir ta' evidenza u oħrajn

6

Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet u IT

Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet u IT

Il-ħidma tal-UPPE titwettaq f'forma elettronika. Fl-2021, il-fokus tagħna kien fuq l-iżvilupp tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet u li nlestuha biex jinbeda l-operat.

Għas-servizzi l-oħra kollha tal-IT, l-UPPE iddependa fuq il-Kummissjoni Ewropea.

L-Iżvilupp tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet

Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet hija sett kumpless ta' għodod u applikazzjonijiet li jippermettu lill-Prosekuturi Ewropej, lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u lill-persunal nominat tal-UPPE biex jaħdmu f'konformità mar-Regolament tal-UPPE u mar-Regoli Interni ta' Proċedura. Hi tippermetti t-trasferiment tal-każijiet lejn u mill-awtoritajiet nazzjonali, ir-riċeviment u l-ipproċessar ta' informazzjoni minn sorsi oħra (inklużi partijiet privati), it-traduzzjoni awtomatizzata u l-flussi tax-xogħol kollha relatati mal-każijiet.

Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tippermetti lill-UPPE jopera bħala uffiċċju uniku, fejn jagħmel il-fajls tal-każijiet amministrati mill-Prosekuturi Delegati Ewropej disponibbli għal-livell ċentrali għall-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu tat-teħid ta' deċiżjonijiet, ta' monitoraġġ, ta' għoti ta' direzzjoni u superviżorji.[20].

Inħoloq tim tal-proġett fl-2020, bil-kompitu li jipprovdi l-proċessi, l-għodod tal-IT u s-sistemi meħtieġa għall-ġestjoni effiċjenti u sigura ta' każ tal-UPPE mit-trasferiment tal-informazzjoni għall-analiżi, il-ħażna u r-riferiment lill-awtoritajiet nazzjonali.

F'Marzu 2021, bdiet tintuża l-ewwel verżjoni maħruġa tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet fl-ambjent tal-produzzjoni tal-UPPE, fiċ-ċentru tad-*data* tagħna stess. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet bdiet taħdem fl-1 ta' Ġunju 2021. Segwew żewġ ħarġiet ewlenin, f'Awwissu 2021 u f'Diċembru 2021. Is-sistema ġiet aġġornata wkoll b'emendi minuri biex tiġi adattata għar-rekwiżiti li joħorġu minn obbligi regolatorji.

Minbarra s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet, aħna żviluppajna u ħriġna diversi għodod tal-IT biex niffaċilitaw u nappoġġjaw l-operat: pjattaforma għat-trasferiment sigur ta' informazzjoni (EPPOBox); formoli ta' rapport ta' kriminalità għall-importazzjoni awtomatizzata ta' informazzjoni; għodda għall-iskambju ta' informazzjoni ma' organizzazzjonijiet ġudizzjarji oħra bħall-Eurojust, il-Europol u l-OLAF; u sistema ta' traduzzjoni elettronika għat-traduzzjoni awtomatika tal-każijiet reġistrati.



7

Riżorsi umani u żvilupp tal-persunal

Riżorsi umani u żvilupp tal-persunal

Il-fokus tagħna, matul l-2021, kien fuq ir-reklutaġġ, l-onboarding u t-taħriġ. Barra minn hekk, it-tim tal-HR ħejja l-adozzjoni mill-Kulleġġ tal-UPPE tal-biċċa l-kbira tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE. L-attivitajiet kollha tagħna kienu affettwati miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-pandemija tal-Covid-19, u l-adattamenti meħtieġa kienu partikolarment ta' sfida għal organizzazzjoni daqshekk żagħżugħa.

Ir-reklutaġġ

Ir-reklutaġġ ta' persunal statutorju

Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-UPPE kien organizza 20 proċedura ta' għażla, u kien ingaġġa u wettaq il-proċess ta' onboarding għal 66 persunal statutorju ġdid meta mqabbel mal-2020 – li ġab iċ-ċifra totali għal 122 membru tal-persunal statutorju. Irċevejna u pproċessajna 1246 applikazzjoni għal proċeduri ta' għażla ta' persunal temporanji u 149 għal persunal bil-kuntratt, li wassal għal 121 u 40 intervista, rispettivament.

Reklutaġġ ta' Prosekuturi Delegati Ewropej

Irreklutajna 95 Prosekutur Delegat Ewropew, u l-biċċa l-kbira tal-onboarding u t-taħriġ seħħ fit-tħejjija għall-bidu operattiv.

Skont l-Artikolu 96(6) tar-Regolament tal-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej huma ingaġġati bħala Konsulenti Speċjali u d-drittijiet tagħhom fir-rigward tas-sigurtà soċjali, il-pensjoni u l-kopertura tal-assigurazzjoni għandhom jinżammu taħt l-iskemi nazzjonali rispettivi tagħhom. Dan wassal għal diversi sfidi legali u prattiċi rigward l-organizzazzjoni tal-kompiti, il-liv u l-assenzi, id-drittijiet finanzjarji u l-obbligi tagħhom.

Pjan ta' stabbiliment u rata ta' okkupanza

RIŻORSI UMANI	2021		
	Baġit awtorizzat	Attwalment mimli sal-31/12/2021	Rata ta' okkupanza (%)
Amministraturi (TA AD)	68	64	94 %
Assistenti (TA AST)	23	23	100 %
Assistenti/Segretarji (TA AST/SC)	4	4	100 %
Total ta' Aġenti Temporanji (AT)	95	91	96 %
Persunal bil-Kuntratt (PK)	35	31	87 %
TOTAL TAL-PERSUNAL	**130**	**122**	**94 %**

Diversità tal-persunal

Persunal statutorju skont in-nazzjonalità u s-sess

Nazzjonalità	Raġel	Mara	Total
L-Awstrija	0	1	1
Il-Belġju	9	4	13
Il-Bulgarija	2	6	8
Il-Kroazja	0	1	1
Ċipru	1	1	2
Iċ-Ċekja	1	2	3
L-Estonja	0	1	1
Il-Finlandja	1	0	1
Franza	5	1	6
Il-Ġermanja	4	2	6
Il-Greċja	7	8	15
L-Ungerija	1	0	1
L-Irlanda	2	1	3
L-Italja	13	5	18
Il-Latvja	1	2	3
Il-Litwanja	2	0	2
Il-Lussemburgu	1	0	1
Malta	1	1	2
In-Netherlands	1	1	2
Il-Polonja	0	1	1
Il-Portugall	3	0	3
Ir-Rumanija	10	5	15
Is-Slovakkja	2	0	2
Is-Slovenja	1	2	3
Spanja	4	5	9
TOTAL	72 (59 %)	50 (41 %)	122

Taħriġ u Żvilupp

Attivitajiet ta' taħriġ iffukaw fuq tliet oqsma ewlenin: it-taħriġ ta' introduzzjoni għall-Prosekuturi Delegati Ewropej; suġġetti dwar frodi fl-UE (il-qafas legali tal-UE, il-ġurisprudenza, it-tipoloġiji ewlenin ta' frodi); u korsijiet għall-membri kollha tal-persunal (prinċipji tal-etika, sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza, protezzjoni tad-*data*).

Ġie organizzat ukoll taħriġ speċifiku dwar kwistjonijiet operattivi taħt qafas ta' ftehim mal-konsorzju magħmul mill-Akkademja tal-Liġi Ewropea u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, kif ukoll b'kooperazzjoni mal-OLAF.

In-numru medju ta' korsijiet ta' taħriġ segwiti fl-2021 mill-persunal tal-UPPE kien 4.5 għall-persunal statutorju u 3 għall-Prosekuturi Delegati Ewropej.

Taħriġ ta' Prosekuturi Delegati Ewropej

Fl-ewwel 7 xhur tal-operat, l-UPPE ta taħriġ ta' introduzzjoni lil 86 Prosekutur Delegat Ewropew ġdid f'9 sessjonijiet iddedikati, u 6 sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet, sabiex jiġu ppreparati għall-bidu tal-operat. L-isforz kien ikkonċentrat fit-tieni kwart tas-sena, hekk kif kienu ġew maħtura mill-Kulleġġ tal-UPPE. Fit-tieni semestru tal-2021, ġew organizzati 5 sessjonijiet ta' taħriġ ta' introduzzjoni u dwar is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet għal 11-il Prosekutur Delegat Ewropew maħtur ġdid.

8

Riżorsi finanzjarji u l-ġestjoni tagħhom

Riżorsi finanzjarji u l-ġestjoni tagħhom

L-UPPE kiseb awtonomija finanzjarja mill-Kummissjoni Ewropea fl-24 ta' Ġunju 2021. Minn dik id-data 'l hawn, l-UPPE qiegħed hu stess jamministra u jimplimenta b'mod sħiħ il-baġit tiegħu b'mod indipendenti.

Il-baġit tal-UPPE huwa ffinanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-forma ta' sussidju. Fl-2021, kien ta' €45 miljun. Madankollu, minħabba dewmien fil-ħatra ta' Prosekuturi Delegati Ewropej, u għalhekk għall-bidu operattiv tal-UPPE, kif ukoll minħabba limitazzjonijiet fin-numru ta' persunal li fl-aħħar mill-aħħar tħallejna nimpjegaw, l-UPPE kellu jadatta l-baġit tiegħu għal €35.5 miljun.

Sal-aħħar tas-sena, 97 % ta' dan il-baġit kien impenjat (€35.3 miljun) u tħallas 71 %. 26 % tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet tal-2021 ġew trasferiti 'l quddiem għall-2022.

Tqassim tal-baġit impenjat tal-2021, €35.3 miljun



Akkwist

L-UPPE ffirma 156 kuntratt taħt oqfsa ta' kuntratti interistituzzjonali eżistenti, għal ammont totali ta' aktar minn €10 miljun. Ladarba konna finanzjarjament awtonomi, nedejna l-ewwel Sejħa Miftuħa sostanzjali tagħna għall-Offerti għall-Provvista ta' Servizzi fil-qasam tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

Kapaċità tal-awditjar intern

Wara l-awtonomija finanzjarja tal-UPPE fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Kap Prosekutur Ewropew iffirma Karta tal-Missjoni għas-Servizz tal-Awditjar Intern, li jaġixxi bħala l-awditur intern tal-UPPE dwar kwistjonijiet mhux operattivi, f'konformità mal-Artikolu 79 tar-regoli finanzjarji applikabbli, sakemm l-UPPE stabbilixxa l-kapaċità tal-awditjar intern tiegħu stess. L-UPPE beda l-proċedura tal-għażla ta' Uffiċjal tal-Awditjar Intern.

Minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-valutazzjoni inizjali mis-Servizz tal-Awditjar Intern ġiet diferita għall-2022.

9

Trasparenza u relazzjonijiet mal-pubbliku ġenerali u l-istampa

Trasparenza u relazzjonijiet mal-pubbliku ġenerali u l-istampa

Fl-2021, l-UPPE għamel 148 dokument disponibbli għall-pubbliku permezz tas-sit elettroniku tiegħu.

L-UPPE rċieva total ta' 16-il applikazzjoni li ġew irreġistrati bħala talbiet għal aċċess pubbliku[21],u weġibhom. Dawn kienu kollha applikazzjonijiet inizjali. Miċ-ċifra totali ta' talbiet għal aċċess pubbliku rreġistrati, l-UPPE ta aċċess sħiħ lil 10 mill-applikazzjonijiet. Taħt ir-regoli tal-UPPE, ma setax jingħata aċċess lis-6 każijiet li kien fadal. F'żewġ każijiet, l-applikant ma identifikax dokument speċifiku. F'każ wieħed, l-UPPE ma żammx id-dokumenti mitluba. Fit-3 każijiet l-oħra, l-UPPE rrifjuta li jagħti aċċess għal dokumenti abbażi tar-raġuni li d-dritt għall-aċċess skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament tal-UPPE, u għalhekk ir-regoli applikabbli tal-UPPE, ma jestendux għal informazzjoni operattiva mill-fajls tal-każijiet.

L-interess tal-midja fl-UPPE kien għoli ħafna matul is-sena. Fiż-żmien li wassal għall-bidu tal-operat, il-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej taw aktar minn 100 intervista lil ġurnalisti mill-UE u lil hinn.

L-UPPE organizza 4 konferenzi stampa: 1 fid-data tal-bidu tal-operat, u 3 waqt żjarat tal-Kap Prosekutur Ewropew fil-Bulgarija, Malta u s-Slovenja. Aħna ppubblikajna 68 aġġornament tal-aħbarijiet fuq is-sit elettroniku tal-UPPE fl-2021. Setgħu jsiru biss ftit żjarat minn gruppi ta' studenti, minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

Is-sit elettroniku korporattiv **www.eppo.europa.eu** tnieda f'Jannar 2021, taħt id-dominju europa.eu. Dan iservi bħala hub ta' informazzjoni ċentrali b'aġġornamenti tal-aħbarijiet, informazzjoni dwar postijiet vakanti, Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ u Arranġamenti ta'Ħidma, kif ukoll informazzjoni ġenerali dwar il-mandat, l-istruttura u l-qafas legali tal-UPPE.

Kull min ifittex li jikkuntattja lill-UPPE jista' jagħmel dan permezz ta' formoli ta' kuntatt għal talbiet tal-midja, mistoqsijiet ġenerali u mistoqsijiet dwar il-karriera, u l-possibbiltà li jiġi rrapportat reat direttament lill-UPPE. Huwa possibli li wieħed jirrapporta reat permezz ta' formola tal-web disponibbli f'19-il lingwa tal-UE.

L-UPPE għandu kontijiet uffiċjali tal-midja soċjali fuq Twitter, LinkedIn, Facebook u YouTube. Dawn il-kanali jintużaw biex jamplifikaw l-aġġornamenti tal-aħbarijiet ippubblikati fuq is-sit elettroniku u biex ikun hemm interazzjoni mal-akbar firxa possibbli tal-pubbliku. In-numru ta'segwaċi fuq il-pjattaformi kollha flimkien irdoppja fl-2021, u laħaq kważi l-20 000.

10

Attività tas-Servizz Legali

Attività tas-Servizz Legali

Is-Servizz Legali jappoġġja lill-Kap Prosekutur Ewropew, lill-Kulleġġ, lill-Prosekuturi Ewropej u lid-Direttur Amministrattiv billi jagħti pariri dwar l-interpretazzjoni tal-qafas legali fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni li tirregola l-attivitajiet tal-UPPE.

Fil-fażi li wasslet għall-bidu tal-operat, huwa kkontribwixxa għall-adozzjoni mill-Kulleġġ tal-UPPE tad-deċiżjonijiet kollha meħtieġa, bħar-Regoli Interni ta' Proċedura, deċiżjonijiet relatati mal-funzjonament u l-kompożizzjoni tal-Awli Permanenti, il-kundizzjonijiet tal-impjieg għall-Prosekuturi Delegati Ewropej, ir-regoli finanzjarji u l-arranġamenti interni tal-lingwa. Ikkontribwixxa wkoll għar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, għall-qafas tal-etika u d-dixxiplina, u għal linji gwida operattivi u amministrattivi.

Is-Servizz Legali pparteċipa fin-negozjati tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi mill-UPPE, skont l-Artikolu 99 tar-Regolament tal-UPPE, b'mod partikolari mal-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, l-Eurojust u l-Europol, jew awtoritajiet tal-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-kooperazzjoni msaħħa, jew ta' pajjiżi terzi.

Is-Servizz Legali pprovda wkoll pariri dwar l-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UPPE fir-rigward ta' investigazzjonijiet fl-Istati Membri parteċipanti. Dan jinkludi l-valutazzjoni, flimkien mal-Prosekuturi Ewropej kompetenti u l-Prosekuturi Delegati Ewropej, taċ-ċirkostanzi fejn il-qafas legali fl-Istati Membri parteċipanti jista' jippreżenta kwistjonijiet kritiċi ta' kompatibilità mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-Regolament tal-UPPE u tad-Direttiva PIF, li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza materjali tal-UPPE. Barra minn hekk, is-Servizz Legali pprovda pariri legali lill-Prosekuturi Ewropej u lill-Prosekuturi Delegati Ewropej dwar diversi aspetti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali bejn l-UPPE u pajjiżi terzi u Stati Membri mhux parteċipanti.

Is-Servizz Legali jagħti wkoll appoġġ legali lill-Kap Prosekutur Ewropew u lill-Kulleġġ fir-rappreżentanza tal-UPPE lil partijiet ikkonċernati esterni, inklużi istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, awtoritajiet fl-Istati Membri parteċipanti u mhux parteċipanti, awtoritajiet f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Fl-aħħar nett, is-Servizz Legali jirrappreżenta lill-UPPE f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fl-2021, ġew ippreżentati żewġ kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali li kienu jinvolvu lill-UPPE, it-tnejn pendenti għal riżoluzzjoni.

11

Protezzjoni tad-*data*

Protezzjoni tad-*data*

L-UPPE jopera taħt żewġ reġimi distinti ta' protezzjoni tad-*data*, b'distinzjoni bejn *data* amministrattiva u *data* personali operattiva. L-UPPE, taħt ċirkostanzi partikolari, jopera bħala, u għandu l-kompetenzi ta', awtorità nazzjonali kompetenti – xi ħaġa mingħajr preċedent fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Wara li fl-2020 adotta l-qafas legali ta' implimentazzjoni rigward il-protezzjoni tad-*data* personali, il-Kulleġġ tal-UPPE ħatar Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data[22] kmieni fl-2021. L-ewwel nofs tas-sena ffokat fuq l-iżgurar ta' implimentazzjoni konformi tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet, kif ukoll fuq id-definizzjoni tal-politiki, il-proċessi u l-flussi tax-xogħol meħtieġa fid-dawl tal-bidu tal-operat fl-1 ta' Ġunju 2021.

Sabiex jiġi żgurat il-ħolqien ta' kultura ta' protezzjoni tad-*data* kif ukoll konsistenza fl-approċċ u l-prattiki fl-organizzazzjoni kollha, ġie pprovdut taħriġ obbligatorju dwar il-protezzjoni tad-*data* matul is-sena mill-inqas fuq bażi ta' kull xahar, imfassal kemm għan-naħa amministrattiva kif ukoll għan naħa tal-operat, u l-Prosekuturi Delegati Ewropej ukoll irċevew taħriġ li kien apposta għalihom.

12

Relazzjonijiet tal-UPPE mas-sħab tiegħu

Relazzjonijiet tal-UPPE mas-sħab tiegħu

F'konformità mal-Artikolu 99 tar-Regolament tal-UPPE, l-UPPE stabbilixxa relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll ma' awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri mhux parteċipanti, ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni

Fl-2021, l-UPPE ffirma ftehim ta' ħidma mal-Kummissjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-modalitajiet prattiċi għall-kooperazzjoni. Kien hemm djalogu kontinwu u intens mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, u diversi laqgħat tal-Kap Prosekutur Ewropew mal-Kummissarju għall-Ġustizzja u l-Kummissarju għall-Baġit u l-Amministrazzjoni.

L-UPPE ħa sehem f'bosta laqgħat mal-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew. Dawn kienu jinkludu l-laqgħa konġunta tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT), laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew, laqgħat tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni; kif ukoll, fuq livell tekniku, laqgħat tal-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (CATS), il-grupp ta' ħidma dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (COPEN) u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi (GAF).

Il-Kap Prosekutur Ewropew ipparteċipa wkoll fl-iskambju annwali ta' fehmiet interistituzzjonali mal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-OLAF.

Istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji: statistika tar-rappurtar tal-kriminalità

IBOA	ECRs	Kompetenza eżerċitata	Kompetenza mhux eżerċitata	Pendenti
l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)	171	85	74	12
Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)	1	1	0	0
il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI).	17	2	9	6
Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)	1	1	0	0
TOTAL	**190**	**89**	**83**	**18**

IBOA	Talbiet għal hit/no-hit lill-UPPE	Komunikazzjonijiet oħra lill-UPPE
l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)	58	201
Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)	0	0
il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI).	0	9
Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)	0	0
TOTAL	**58**	**210**

Rapporti li waslu mill-IBOAs, Ġunju-Diċembru 2021



Relazzjonijiet ma' Stati Membri mhux parteċipanti u pajjiżi terzi

L-UPPE kkonkluda arranġament ta' ħidma dwar il-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ungerija.

In-negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż arranġament ta' ħidma mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Nazzjonali tal-Polonja, mibdija f'Novembru 2020, ġew iffinalizzati fuq livell tekniku f'Ottubru 2021. Madankollu, il-Polonja kkundizzjonat l-iffirmar ta' dan l-arranġament ta' ħidma għal approvazzjoni minn qabel ta' emenda tal-Kodiċi Pollakka tal-Proċedura Kriminali li tkun tippermetti r-rikonoxximent tal-UPPE bħala awtorità kompetenti.

Il-konsegwenza prattika tar-rifjut tal-Polonja li tirrikonoxxi n-notifiki tal-Istati Membri parteċipanti dwar l-UPPE bħala awtorità kompetenti mingħajr modifika tal-liġi nazzjonali minn qabel hija li l-Polonja ilha tiċħad b'mod konsistenti t-talbiet tal-UPPE għal kooperazzjoni ġudizzjarja sa mill-bidu tal-operat tiegħu. Minħabba li kull meta l-UPPE

Stati Membri mhux parteċipanti	Involviment f'każijiet tal-UPPE
Id-Danimarka	2
L-Ungerija	17
L-Irlanda	2
Il-Polonja	23
l-Iżvezja	4
TOTAL	**48**

ikun qed iwettaq investigazzjoni kriminali ta' natura transfruntiera, ma jkunx jista' jikseb evidenza li tinsab fil-Polonja, il-kapaċità tal-UPPE li jiġġieled il-kriminalità li taffettwa l-baġit tal-Unjoni hija mfixkla sistematikament.

Fl-2021 saru żewġ sensiliet ta'taħditiet dwar abbozz ta' arranġament ta'ħidma mad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Irlanda. Billi l-awtoritajiet Irlandiżi jeħtieġu aktar żmien għal konsultazzjoni interistituzzjonali dwar ċerti aspetti legali, in-negozjati għandhom jerġgħu jibdew fl-2022.

F'Novembru 2020, l-UPPE bagħat abbozz ta' arranġament ta' ħidma lid-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tar-Renju tad-Danimarka. Madankollu, l-awtoritajiet Daniżi ma kinux lesti li jidħlu f'negozjati minħabba l-ħtieġa għal konsultazzjonijiet interni.

Il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet kriminali mar-Renju tal-Iżvezja taħdem mingħajr diffikultajiet fuq il-bażi tal-atti rilevanti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

Fir-rigward ta' pajjiżi terzi, l-UPPE beda negozjati bil-għan li jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Uniti tal-Amerika u tal-Ukrajna.

Pajjiż terz	Involviment f'każijiet tal-UPPE
L-Albanija	1
Il-Bożnija-Ħerzegovina	1
Iċ-Ċina	13
Curaçao	1
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	1
Ħong Kong	1
Il-Libanu	1
Il-Mauritania	1
Ir-Repubblika tal-Korea	1
Ir-Russja	1
Is-Serbja	1
Is-Sri Lanka	1
L-Iżvizzera	1
Ir-Repubblika Għarbija Sirjana	1
It-Tajlandja	1
It-Turkija	3
It-Tunežija	2
L-Ukrajna	1
L-Emirati Għarab Magħquda	3
Ir-Renju Unit	7
L-Istati Uniti	1
Iż-Żambja	1
TOTAL	**45**

Taqsima 12: Relazzjonijiet tal-UPPE mas-sħab tiegħu

Parteċipazzjoni f'attivitajiet internazzjonali (networks, attivitajiet kontra l-korruzzjoni)

Kooperazzjoni man-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN)

L-UPPE ingħaqad ma' CARIN bħala osservatur fl-aħħar tal-2020. F'dik il-kapaċità, ħadna sehem fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-CARIN f'April 2021 kif ukoll fil-laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija tal-CARIN.

Sa mill-bidu tal-operat, aħna bgħatna 5 talbiet għal informazzjoni dwar pajjiżi terzi lill-punti ta' kuntatt rilevanti fil-CARIN.

Impenn mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF)

L-UPPE kien involut fl-ewwel diskussjonijiet mal-FATF, bil-għan li jiddeskrivu oqsma komuni ta' kooperazzjoni u jiddefinixxu l-proċess għal parteċipazzjoni futura tal-UPPE fl-FATF, bħala osservatur.

Impenn mal-Grupp ta' Ħidma dwar Tixħim fi Tranżazzjonijiet tan-Negozju Internazzjonali tal-OECD (WGB)

L-UPPE talab biex jipparteċipa fil-WGB, kif ukoll fil-laqgħat tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fil-laqgħa plenarja tal-WGB f'Ottubru 2021. Nistennew deċiżjoni kmieni fl-2022.

NOTI

1 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 dwar il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 003/2020 dwar ir-Regoli Interni ta' Proċedura.

3 Differenzi possibbli fil-miżuri ta' għajnuna ġenerali ta' ħruġ u ta' dħul jiddependu fuq il-mod kif dawn jiġu kkunsidrati fil-livell nazzjonali.

4 Bl-esklużjoni ta' każ wieħed addizzjonali fejn inbdew il-proċedimenti tal-qorti, li fih kien hemm tliet ċaħdiet parzjali.

5 Bl-esklużjoni ta' każ wieħed addizzjonali fejn inbdew il-proċedimenti tal-qorti, li fih kien hemm tliet ċaħdiet parzjali.

6 Id-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-UPPE.

7 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 029/2021 li tadotta linji gwida operattivi dwar l-investigazzjoni, il-politika ta' evokazzjoni u r-riferiment ta' każijiet.

8 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 066/2021 dwar il-funzjonijiet u l-proċeduri tal-Awli Permanenti.

9 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 085/2021 li temenda u tissupplimenta r-Regoli Interni ta' proċedura tal-UPPE u d-Deċiżjoni dwar l-Awli Permanenti ('PCs').

10 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 039/2021 dwar il-Kodiċi ta' Etika għall-membri tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Prosekuturi Delegati Ewropej ("EDPs"); Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 044/2021 dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar ir-responsabbiltà dixxiplinarja tal-Prosekuturi Delegati Ewropej.

11 Il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurojust, il-Europol, l-OLAF, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

12 Arranġament ta' ħidma mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ungerija.

13 Reati li kkawżaw jew li x'aktarx jikkawżaw ħsara ta' inqas minn €100 000 lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

14 Il-fatti suġġetti għal investigazzjoni ma jikkostitwixxux reat kriminali li jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE.

15 Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-eżerċizzju tal-kompetenza tal-UPPE kif stabbilita m'għadhomx jintlaħqu.

16 Linji gwida ġenerali li jippermettu lill-Awli Permanenti jirreferu każ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal reati li kkawżaw jew li x'aktarx jikkawżaw ħsara ta' inqas minn €100 000 lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

17 L-EPPOBox huwa l-kanal għat-trasferiment sigur ta' informazzjoni operattiva żviluppat mill-UPPE u bbażat fuq il-Protokoll tat-Trasferiment Sigur tal-Fajls (SFTP). Ir-rappurtar isir permezz ta' portal tal-web dedikat jew permezz ta' SFTP client. Kien hemm 337 utent tal-EPPOBox fl-2021.

18 Partijiet privati ssottomettew l-istess rapport permezz ta' diversi mezzi ta' rappurtar jew bagħtu l-istess ilment diversi drabi.

19 Rapporti ta' partijiet privatili huma manifestament barra mill-kompetenza tal-UPPE huma rreġistrati fl-Applikazzjoni tad-Dossier PP, filwaqt li rapporti ta' partijiet privatili jistgħu jiffurmaw il-bażi għal investigazzjoni tal-UPPE huma rreġistrati fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet.

20 L-Artikolu 8 paragrafu 1, L-Artikolu 45 paragrafu 2, u l-premessa 47 tar-Regolament tal-UPPE.

21 Skont il-prinċipju tat-trasparenza u d-dritt tal-individwi li jkollhom aċċess għal dokumenti, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra residenti jew li għandha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom, soġġett għal ċerti prinċipji, kundizzjonijiet u limiti, dritt ta' aċċess għal dokumenti prodotti jew miżmuma mill-UPPE. L-aċċess jista' jiġi rrifjutat f'ċirkostanzi speċifiċi u eċċezzjonali biss. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi għal regoli ġenerali għall-aċċess għad-dokumenti. Regoli ta' implimentazzjoni għall-aċċess għad-dokumenti tal-UPPE ġew adottati mill-Kulleġġ tal-UPPE fil-21 ta' Ottubru 2020 (id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 008/2020). Skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament tal-UPPE, dak id-dritt ta' aċċess għal dokumenti ma japplikax għal dokumenti li huma parti mill-fajls tal-każ tal-UPPE.

22 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2021

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea